FONTANA

Minuti tat-tielet laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 16 ta` Mejju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**<u>Korrispondenza</u>**

Iċ-Ċentru ta` Matul il-Jum għall-Anzjani bagħat rapport dettaljat dwar l-andament taċ-Ċentru. L-uffiċċjal inkarigat talbet lill-Kunsill sabiex iħeġġeġ aktar anzjani biex jattendu.
L-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca ser torganiżża 'Jum il-Premjazzjoni' fl-20 ta` Mejju 2005. Il-Kap ta` l-Iskola, Ms. Antoinette Psaila, talbet donazzjoni finanzjarja għan-*newsletter* ta` l-iskola. Il-Kunsill qabel illi jagħti donazzjoni ta` Lm20.
Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ ser jorganiżża l-Parlament taż-Żgħażagħ fil-15 ta` Settembru 2005. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ li jinnomina żgħażagħ għal dan l-avveniment. Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ bagħat ukoll korrispondenza bis-suġġett "Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ".
Id-Diviżjoni ta` l-Edukazzjoni bagħtet korrispondenza bl-informazzjoni dwar il-korsijiet fl-ingliż bażiku. Il-kors fih tliet livelli fuq tliet snin. Il-Kunsill qabel illi jorganizza dan il-kors, għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor aktar informazzjoni.
Il-Ministeru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Premju f`Ġieħ l-Imprenditur fil-Komunita' u Premju f`Ġieħ l-Artiġjan fil-Komunita'. Is-Sindku ppropona li jiġi nominat is-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* għas-sehem kbir li qed jagħti f`dawn is-setturi. Il-Kunsill qabel illi dawn il-premijiet jingħataw fl-okkażżjoni ta` 'Jum il-Fontana'.
Il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta` l-Informazzjoni bagħat korrispondenza dwar is-servizzi elettroniċi lokali. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħu sehem f`din l-inizjattiva bbażata fuq il-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jingħataw servizzi ta` l-*e-government* u jgawdu wkoll minn ħaddiema ta` l-*I.P.S.L.* Il-Kunsill qabel unanimament illi jidħol għal dan il-ftehim.
Il-Viċi-Prim Ministru Tonio Borg bagħat korrispondenza bis-suġġett 'Proposta Nazzjonali Favur il-Ħajja'. Il-Kunsill qabel unanimament għall-emenda kostituzzjonali dwar il-projbizzjoni ta` l-abort.

Id-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi bagħat korrispondenza dwar ħlasijiet dovuti lid-Dipartiment tal-Gvern. Il-Kunsill m`għandux kontijiet pendenti mad-Dipartiment tal-Gvern.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`ittra li ntbagħtet lid-Dipartiment ta` l-Artijiet dwar l-iżviluppi li seta' kien hemm fl-190/191 Triq tal-Għajn, Fontana.

L-Uffiċċju Elettorali bagħat korrispondenza dwar ir-Reġistru Elettorali - April 2005.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet diversi kopji t`avviżi t`infurzar fi Triq Għajn Tuta.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar is-servizz tal-*Meals on Wheels* f`Għawdex. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dan l-avviż lir-residenti tal-Fontana.

Inqrat Stqarrija għall-iStampa u Mezzi tax-Xandir 5/2005 dwar *Summit* tal-Kunsill ta` l-Ewropa – Warsaw 2005.

Inqrat Ċirkulari AKL 24/2005 dwar Skema ta` Saħħa għall-Kunsillieri, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali. Il-membri tal-Kunsill ser ikunu parti minn din l-iskema flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Inqrat Ċirkulari AKL 25/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Victor Mifsud, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Gudja.

Inqrat Ċirkulari AKL 26/2005 dwar Assigurazzjoni dwar il-flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali. Il-Kunsill qabel illi jħallas din l-assigurazzjoni.

Inqrat Ċirkulari AKL 27/2005 dwar Talba għall-ġemellaġġ mal-lokalita' ta` Maruggio, Provinċja ta` Taranto – Italja.

Inqrat Ċirkulari AKL 28/2005 dwar *Reserved Parking for Blue Badge Holders*.

Inqrat Ċirkulari AKL 29/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Ċikku Fava, missier is-Sur Carmel Fava, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Bormla.

Inqrat Memo 13/2005 dwar Proċedura ġdida għall-*Accounts* ta` Emejls ġodda.

Inqrat Memo 14/2005 dwar Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Memo 15/2005 dwar informazzjoni fuq ir-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

## <u>Mistoqsijiet</u>

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

## <u>Sehem il-Kunsill għall-Festi Ċentinarji</u>

Għall-laqgħa attendew l-organiżżaturi tat-tiġrija tal-bhejjem, is-Sinjuri John Cordina u Charlie Scerri, fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill fil-ħlas tas-servizzi tal-Gwardjani Lokali u tal-Pulizija, l-*insurance* u s-servizz ta` l-ambulanza fl-okkażżjoni tat-tiġrija tal-bhejjem li ser issir nhar il-Ħadd, 19 ta` Ġunju 2005 fl-okkażżjoni tal-festa titulari. Il-Kunsill qabel illi jħallas sa Lm250 f`dawn is-servizzi. Is-Sindku nforma lill-organizzaturi li tkellem mas-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* fejn dan infurmah illi ser jisponsorja parti minn din it-tiġrija bl-ammont ta` Lm200.

Il-Kappillan tal-Fontana, Dun George Bezzina, bagħat korrispondenza dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-okkażżjoni tal-Festi Ċentinarji. F`isem il-Kumitat tal-Festi Ċentinarji l-Kappillan feraħ lis-Sindku u lill-membri kollha tal-Kunsill il-ġdid. Il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex jgħin u jisponsorja xi servizz ta` banda u jgħin fil-FestaTfal li ser tiġi ċċelebrata fis-7 ta` Ġunju 2005. Il-Kunsill qabel illi għal FestaTfal joffri l-ammont ta` Lm100. Il-Kunsill qabel ukoll illi jitlob il-proposti tal-Kumitat fir-rigward kif jista' jintuża dan l-ammont. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta li jħallas servizz tal-banda.

Il-Kumitat bagħat korrispondenza ukoll lill-Kunsill dwar l-attivita' prinċipali li ser issir fl-okkażżjoni ta` l-ewwel ċentinarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Din ser tkun l-Oratorju "Il-Qalb ta` Kristu" librett tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi u mużika ta` Mro. John Galea. Din l-attivita' ser tittella` nhar il-Ħadd u t-Tlieta, 12 u 14 ta` Ġunju 2005. Il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex ikun wieħed mill-i*sponsors* uffiċċjali ta` dan l-avveniment kulturali li għandu jkun wieħed mill-kunċerti ewlenin ta` livell internazzjonali. Il-Viċi-Sindku ppropona li jingħata l-ammont ta` Lm1000 għal dan l-avveniment. Is-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri ma qablux ma dan l-ammont. Is-Sindku qal li l-opinjoni tiegħu hi li l-Kunsill jasal sal-ammont ta` Lm500 li hu ammont sostanzjali meta wieħed iqis l-ispejjeż kbar li għandu l-Kunsill, dan meta għandu *budget* limitat ħafna li għal din is-sena hu ta` madwar Lm45,000. Huwa qal ukoll li għal FestaTfal f`din il-laqgħa diġa l-Kunsill vvota somma ta` Lm100, kif ukoll ser jgħin lill-organizzaturi tat-tiġrija tal-bhejjem b`madwar Lm250. Ta` min jgħid ukoll li għal dawn il-festi ċentinarji f`Jannar li għadda l-Kunsill diġa ta` l-għajnuna tiegħu ta` Lm200 għall-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fl-għeluq il-mitt sena tal-konsagrazzjoni tal-Knisja. Is-Sindku qal li din id-deċiżjoni qed jeħodha b`responsabilita', għax seta' biex ikun aktar popolari jaqbel li jingħataw ħafna aktar fondi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi jikkollabora għall-Oratorju 'Il-Qalb ta` Kristu' u joffri l-ammont ta` Lm500. Il-Kunsill qabel ukoll illi jitlob il-proposti fir-rigward ta` kif jista` jintuża dan l-ammont. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li jekk ma joħorġux il-permessi meħtieġa biex tkun tista' ssir din it-tiġrija, l-ammont ta` flus li kienu ser jiġu vvutati għal din it-tiġrija jiżdiedu ma` l-ammont ta` Lm500 ta` l-Oratorju. Il-Kunsill qabel.

## Vandaliżmu fil-*Playing Field*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ħsara u vandaliżmu li qed isir fil-*Playing Field*. Dan jikkonsisti fi qlugħ ta` ċnagan, tkissir tal-bandli u ta` l-arbuxelli. Huwa kompla jgħid li hemm spiża biex dawn jitranġaw. Normalment bejn is-6.30 u t-8.00 ta` filgħaxija qed ikun hemm grupp ta` tfal fil-*Playing Field* li qed jagħmlu diversi vandaliżmu. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat nota lir-residenti tal-Fontana fejn jikkundanna dan l-aġir u jwissi li min jinqabad iwettaq vandaliżmu fil-lokal jinżamm responsabbli u jittieħdu passi kriminali biex tissewwa l-ħsara. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li titqabbad persuna sabiex tiġi rranġata l-ħsara li saret. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Mark Bajada sabiex jirranġa l-ħsara fil-*Playing Field*.

## *Co-Operation Agreement* dwar il-Gwardjani Lokali

Is-Sindku spjega` s-sitwazzjoni. Huwa nforma lill-Kunsill illi l-*authorised officer* qalet illi m`hemmx tibdil minn dak ta` qabel li ġie ffirmat ħames snin ilu. Il-Kunsill qabel illi l-*co-operation agreement* għandu jiġi ffirmat.

**Il-Ħsara fil-Proġett ta` Pjazza l-Għejjun**

Is-Sindku ppropona li tintalab laqgħa ma` min hu nkarigat mis-Sezzjoni tad-Drenaġġ fil-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, dwar il-ħsara li kienet saret madwar tliet snin ilu fil-proġett ta` Pjazza l-Għejjun, u li għalkemm kien imwiegħed li ser tissewwa dan baqa' ma sarx. Il-Kunsill qabel.

**Tiġdid tal-Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill approva unanimament li l-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġi mġedded għal tlett snin oħra. Il-kuntratt il-ġdid jiġi fis-seħħ mis-6 ta` Settembru 2005 u jagħlaq fil-5 ta` Settembru 2008.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jordna t-tiswija meħtieġa fil-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Wied Siekel mid-Dipartiment tad-Distretti.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob kwotazzjonijiet għall-produzzjoni ta` *DVD* fuq il-lokal tal-Fontana.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jorganizza l-ħarġa għall-anzjani nhar il-Ġimgħa, 10 ta` Ġunju 2005 fl-okkażżjoni tal-festa ta` San Filep f`Ħaż-Żebbuġ.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lill-*Galea Curmi Engineering Consultants* sabiex jaraw x`hemm bżonn li jsir. Il-Kunsill qabel ukoll illi r-residenti jiġu konsultati.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg u ma ġietx issekondata.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Victor Cefai u ssekondata mill-Kunsillier Anthony Cassar. Il-Kunsill qabel illi jiġbor xi prezzijiet sabiex ikunu jistgħu jinxtraw basktijiet tad-drapp bil-*logo* tal-Fontana u jitqassmu f`kull dar.

Mozzjoni Nru. 7 tas-Sur Victor Cefai ma ġietx issekondata.

Mozzjoni Nru. 8 tas-Sur Victor Cefai u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jkellem lis-Sur Nicky Saliba sabiex jirranġa l-bankina quddiem id-dar bl-isem '*Harmony*' fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'.

Mozzjoni Nru. 9 tas-Sur Victor Cefai ma ġietx issekondata.

Mozzjoni Nru. 10 tas-Sur Victor Cefai u ssekondata mis-Sindku. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-*A.D.T.* sabiex jiġu ntrodotti l-*parking-bays* fil-lokal għaliex fil-preżent qiegħed isir ħafna ħela ta` *parking*.

**Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Video-On-Line Limited* | Lm | 11.80,0 |
| *Public Cleansing Section* | Lm | 2.75,0 |
| Richard Cauchi | Lm | 119.24,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 6.56,0 |
| *Information Technology Services Ltd. (I.T.S.)* | Lm | 188.80,0 |
| *Mr. Signs* | Lm | 40.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 50.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *Office Needs* | Lm | 20.50,0 |
| *Local Councils Association* | Lm | 25.00,0 |
| *Office Club* | Lm | 14.00,0 |
| Victor Attard | Lm | 153.81,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 60.45,0 |
| Total | Lm | 1291.04,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 02/2005 ġiet approvata.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Is-Sinjura Agnes Farrugia ta` 202, Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata talbet sabiex issir bozza ġdida f`tarf Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lill-*Galea Curmi Engineering Consultants* sabiex flimkien mas-Sindku jmorru fuq il-post u jaraw tistax issir.

Dun Franġisk Saliba ta` "Kristu Re" Triq il-Qalb ta` Ġesu' talab sabiex issir mera mal-ħajt tal-garaxx fuq in-naħa tal-lemin sabiex ikun jista jara x`karozzi ġejjin min-naħa tax-xellug tal-garaxx tiegħu. Meta jkun hemm karozza pparkjata fuq in-naħa tax-xellug ma jkunx jista' jara xejn x`ġej. Il-Kunsill qabel illi jitlob il-permess ta` l-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta.

Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi fi Triq Għajn Tuta fetaħ ħanut u r-residenti qed isibuha diffiċli li jdaħħlu l-vetturi tagħhom fil-garaxx. Għaldaqstant xi residenti avviċinawh fejn talbu li jsir *double yellow line*. Il-Kunsillier Lorry Apap għandu jipprepara *site plan* ta` kif ser jiġi d-*double line* sabiex tkun tista' tiġi approvata mill-A.D.T. Il-Kunsill qabel ukoll illi r-residenti għandhom japprovaw li jridu dan bil-miktub.

Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi dwar il-parti ta` fuq ta` Triq tal-Għajn qed jipprepara *site plan* dwar il-problema tat-traffiku li teżisti f`din il-parti sabiex tiġi diskussa fil-Kunsill.

**<u>Materji oħra</u>**

Il-Kunsill qabel illi jifraħ lis-Sinjorina Francesca Sciberras għas-suċċess li kisbet f`Kategorija A fis-36 Edizzjoni tal-Festival Marjan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*quarterly report* għall-perjodu Jannar-Marzu 2005.

Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sinjuri Mark Bajada u Joe Mizzi sabiex iwettqu diversi xogħolijiet li kienu diġa approvati fil-laqgħat preċedenti.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa ma` l-*Ombudsman* is-Sur Joe Sammut, nhar l-Erbgħa, 27 ta` April 2005 fil-11.00a.m. fl-Uffiċċju tal-*Malta Enterprise* fix-Xewkija.

Il-Kunsillier Lorry Apap qara l-ittra ta` żgumbrament li rċieva l-Kunsillier Anthony Cassar ta` 190 Triq tal-Għajn. Il-Kunsillier Apap ma qabilx li ħareġ dan l-avviż biss, peress li mal-post li jġib in-numru 190 hemm ukoll il-post 191. Huwa qal li jekk ma jittieħdux it-tnejn tkun qed titwettaq inġustizzja mas-Sur Anthony Cassar.

Is-Sur Anthony Said ippreżenta lill-Kunsill stima ta` *commercial green bin* għall-prezz ta` Lm49. Il-materjal ta` dan il-*bin* hu plastik. ` Il-Kunsill qabel illi jixtri *bin* tal-ħadid mingħand is-Sur Andrew Vassallo għall-prezz ta` Lm37 li ser jitpoġġa ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* ser jisponsorja *bin* għall-prezz ta` Lm58 li ser jitwaħħal fi Pjazza l-Għejjun.

Il-Kunsill għadda għall-kwotazzjonijiet tax-xiri tal-*mobiles*. Kien hemm tliet kwotazzjoniet. Dawn kienu mingħand il-*Gomobile*, *Sound & Vision* u l-*Vodafone*. Il-prezz tan-*Nokia* 3220 huwa Lm69.00,0 mingħand it-tlett stabbilimenti. Il-Kunsill qabel unanimament illi jixtri sitt *mobiles* għall-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv mingħand is-*Sound & Vision* peress li offra *pocket* b`xejn ma kull *mobile*. Dawn il-*mobiles* jibqgħu proprjeta' tal-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi attenda għall-laqgħa tad-D.C.C. tal-M.E.P.A. dwar l-*embellishment* tal-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja. Iċ-*Chairperson* tal-Bord il-Perit Catherine Galea astjeniet milli tisma` dan il-każ. Is-Sindku ġie nfurmat illi l-Perit tal-Kunsill applika darbtejn ħażin peress li diġa' hemm żvilupp, għalhekk irid isir is-sanzjonar tiegħu. Is-Sindku qal illi waqt is-smiegħ ta` dan il-każ, il-Perit Walter Portelli ma kienx preżenti, għalhekk iddefenda l-każ hu bit-tliet argumenti, li matul it-tielet leġislatura tal-Kunsill l-Awtorita' ta` l-Ippjanar stess skedat l-inħawi ta` quddiem il-*belvedere*, talbet biex titħassar it-triq li kien hemm ippjanata quddiem dan il-*belvedere* u minflok isir taraġ minħabba d-dislivell li hemm. Dan biex jiġi mħares l-ambjent ta` Wied il-Lunzjata, kif ukoll l-Awtorita' stess kienet talbet lill-Kunsill biex jindikalha fejn hemm *belevedere* fil-Fontana jiġu mħarsa. Dan hu wieħed minnhom. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi jieqaf mis-servizz li kien qed jagħti l-Perit Portelli fuq din l-applikazzjoni u jqabbad lill-Perit John Saliba.

Fuq rakkomandazzjoni tal-Bord il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mas-Sur Lucien Stafrace sabiex jiġi diskuss il-proċess ta` l-applikazzjoni PC0092/00 dwar it-tħassir tat-triq ta` quddiem il-*belvedere* u minflok isir taraġ li kienet saret mill-M.E.P.A. stess. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb titlob laqgħa mas-Sur Stafrace dwar dan is-suġġett.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel rapport lill-Pulizija dwar mera li naqset mill-bidu ta` Trejqet ix-Xagħri kif ukoll ta` tabella li kien hemm fil-post fejn jitqiegħed l-i*skip*.

Il-Kunsill qabel illi terġa` titwaħħal il-mera li kien hemm fi Triq tal-Għajn quddiem il-mina ta` Triq is-Sajjieda. Din kienet inqalgħet minn xi ħadd mhux magħruf il-ġurnata ta` wara li

twaħħlet. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkuntattja lis-Sur Louis Portelli sabiex terġa' titwaħħal.

Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lid-Dipartiment ta` l-Indafa Pubblika sabiex jieħu ħsieb it-tindif fil-ġranet tal-festa tat-toroq arterjali speċjalment fil-ġurnata tal-Ħadd. Dan ser jintalab sabiex ma jerġax jiġri dak li seħħ is-sena l-oħra fejn kellu jitqabbad kuntrattur u jitħallas mill-fondi tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Mark Bajada sabiex inaddaf iz-zuntier u l-*Playing Field* fil-ġranet tal-festa għall-prezz ta` Lm25.

Is-Sindku ppropona li l-i*skip* li sa llum hu bi prova jibda jinġab darba fix-xahar minħabba l-ispejjeż li qed ikun hemm. Dan meta ħafna minn dak li qed jintrema fih jista' jintefa' fis-servizz ta` l-i*scammel* li huwa ta` kuljum, għandna wkoll is-servizz ta` *Bulky Refuse* kif ukoll hemm il-*Bring-in-sites*. Il-Kunsilliera Maria Schembri ma qablitx li jitnaqqas dan is-servizz u astjeniet minn din il-proposta. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi l-i*skip* jinġab kull ħmistax. Il-Kunsill qabel illi r-residenti għandhom jiġu avżati bid-dati li fihom ser ikun hawn l-*open skip*, bl-użu tas-servizz tal-*Bulky Refuse* u dak tal-*Bring-in-sites*. Il-Kunsill qabel ukoll illi jinforma lir-residenti sabiex ma joħroġx l-iskart domestiku qabel l-4.00p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibt fis-2.00p.m. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku ssuġġerew li jintbagħat avviż lir-residenti fejn jinfurmahom sabiex l-iskart domestiku jitħalla wara l-bieb u mhux jitpoġġa wara bieb ħaddieħor jew f`xi kantuniera. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Savio Sacco tal-*OS*3 ippreżenta lill-Kunsill l-kwotazzjoni sabiex tkun tista' ssir il-*Website* mill-ġdid. Il-prezz hu ta` Lm499.14,0 (Vat inkluża). Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni u ser jgħaddi l-materjal mitlub lis-Sur Sacco sabiex ikun jista' jibda x-xogħol.

Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li ssir magna ġdida għall-arloġġ ta` Pjazza l-Għejjun, peress li hemm ma taħdimx regolari. Irid jiġi rranġat ukoll fanal li hemm bil-ħsara fuq iz-zuntier.

Saret il-bankina li approva l-Kunsill fi Triq San Martin mid-Dipartiment tad-Distretti.

Irid isir ukoll qtugħ ta` ħaxix mal-ħajt ta` Triq ta` Mulejja ħdejn il-*bring-in-sites*. Dan ma hux fil-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Ser jiġi mqabbad is-Sur Victor Attard.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li ġie avviċinat minn membri tal-Kumitat tal-Festa biex isiru diversi toqob għall-arbli tal-festa fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lis-Sur Mark Bajada sabiex jagħmilhom.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-ilment tas-Sur Vince Farrugia mar fuq il-post mad-Direttur tal-A.D.T. fejn irriżulta li l-ilment tiegħu ma jistax jiġi milqugħ. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sindku ppropona diversi sinjali tat-toroq fil-Fontana li ġew approvati dak il-ħin stess. Il-Kunsill qabel illi dawn għandhom jiġu mgħoddija lis-Sur Louis Portelli tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp biex jitwettqu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda wkoll laqgħa għas-Sindki fil-Kunsill Lokali tar-Rabat dwar il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew vandalizzati żewġ qsari fit-telgħa `l isfel mill-Knisja. Il-Kunsill qabel li dawn jerġgħu jsiru mill-ġdid. Kif ukoll naqsu żewġ siġar taż-żebbuġ minn dawk li tħawlu fi Triq ix-Xlendi.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lil Rev. Dr. Joe Bezzina dwar il-materjal li hemm bżonn għall-*Website* tal-Kunsill mill-ktieb dwar il-Fontana. Dan il-materjal ser jiġi pprovdut fuq *CD*. Dwar it-traduzzjoni bil-Malti Dr. Bezzina ssuġġerixxa li għandha tittieħed l-informazzjoni mill-ktieb li kien kiteb għall-parroċċa fis-snin 80. Huwa qal li l-*copyright* hija tiegħu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie rranġat il-fanal taż-*zebra crossing* u sar il-qtugħ tal-ħaxix fit-telgħa `l isfel mill-Knisja. Kif ukoll twettaq l-ilment dwar tappiera tad-drenaġġ quddiem id-dar nru. 243 fi Triq tal-Għajn. Bdew jinżebgħu diversi sinjali tat-tat-toroq.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda wkoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Gwardjani Lokali.
Inqata` wkoll il-ħaxix ta` Wied Siekel mis-Sur Victor Attard għall-prezz ta` Lm30.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta` Ġunju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku